# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**
**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**Seduta ta' nhar l-1 ta' Frar, 2002**

**Numru 35**

**Avviz numru 971/01DM**

**Philip A. Tabone esercenti l-kummerc taht l-isem Philip A. Tabone Trading Agency**

**vs**

**Charles Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tliet elef liri maltin (Lm3000) import ta' kambjala (Dok A) li skadiet fit-12 ta' Marzu 1999.

Bl-imghax mit-12 ta' Marzu 1999 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid u dak ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mal-avviz kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici, lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' tliet elef (Lm3000) lira ghar-ragunijiet indikati fl-avviz prevja l-prezentata tal-kambjala originali fl-atti tal-kawza bl-imghax legali b'effett mit-12 ta' Marzu 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**A. Farrugia**
**Dep.Reg.**

va